

## II

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

## TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

### LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-3 ta' Frar, 2005

**li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja ta' l-Ewrosistema**

(BĊE/2005/2)

(2005/331/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

(4) Skond l-Artiklu 12(1) u l-Artiklu 14(3) ta' l-Istatut, il-linji ta' gwida tal-BĊE jagħmlu parti integrali mil-liġi tal-Komunità,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropeja, partikolarment l-ewwel subinċiż ta' l-Artiklu 105(2),

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropeja tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artiklu 12(1) u l-Artiklu 14(3) flimkien ma' l-ewwel subinċiż ta' l-Artiklu 3(1), l-Artiklu 18(2) u l-ewwel paragrafu ta' l-Artiklu 20,

Artiklu 1

Billi:

### **Il-prinċipji, l-istrumenti, il-proċeduri u l-kriterji għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja waħdanija ta' l-Ewrosistema**

(1) Biex tintlaħaq politika monetarja waħdanija jinħtieġ definizzjoni ta' l-istrumenti u l-proċeduri li se jintużaw mill-Ewrosistema, li tikkonsisti fil-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' l-Istati Membri li adottaw il-euro (minn issa 'l quddiem l-Istati Membri parteċipanti) u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), biex b'hekk din il-politika tkun tista' tiġi implimentata b'manjera uniformi fl-Istati Membri parteċipanti kollha.

L-Anness I li jinsab mal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 tal-31 ta' Awwissu, 2000, dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja ta' l-Ewrosistema<sup>(1)</sup>, huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ma' din il-Linja ta' Gwida.

Artiklu 2

(2) Il-BĊE għandu l-awtorità li jstabbilixxi l-linji ta' gwida meħtieġa biex jimplimenta l-politika monetarja waħdanija ta' l-Ewrosistema, u l-BĊNi għandhom l-obbligu li jaġixxu skond dawn il-linji ta' gwida.

### **Verifikazzjoni**

(3) It-tibdiliet riċenti fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja waħdanija ta' l-Ewrosistema jeh-tieġu li jiġu riflessi b'mod xieraq, billi jiġi sostitwit l-Anness I li jinsab mal-Linja ta' Gwida tal-BĊE dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja ta' l-Ewrosistema li fil-preżent qiegħda fis-seħħ.

Il-BĊNi għandhom jgħaddu lill-BĊE d-dettalji tat-testi u l-mezzi li permezz tagħhom huma bi ħsiebhom ikunu konformi ma' din il-Linja ta' Gwida, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu, 2005.

<sup>(1)</sup> ĠU L 310, 11.12.2000, pġ. 1. Il-Linja ta' Gwida hekk kif emendata l-aħħar bil-Linja ta' Gwida BĊE/2003/16 (ĠU L 69, 8.3.2004, pġ. 1).

*Artiklu 3***Dħul fis-seħħ**

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ jumejn wara li tiġi adottata. L-Artiklu 1 għandu jibda japplika mit-30 ta' Mejju, 2005.

*Artiklu 4***Destinatarji**

Din il-Linja ta' Gwida hija ndirizzata lill-BĊNi ta' l-iStati Membri parteċipanti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-3 ta' Frar, 2005.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

---

## ANNES

**“L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA MONETARJA FIŻ-ŻONA TA’ L-EURO****Dokumentazzjoni ġenerali dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja ta’ l-Ewrosistema****Frar 2005**

L-Anness għal din il-Linja ta’ Gwida mhux lest.”

---